**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 37/K7/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/’94 – 05/02/’15** **320**

**Nru ta’ seduti minn 07/04/’94 – 05/02/’15** **375**

**Nru ta’ Laqgħa Pubblika minn 10/03/’95 – 18/12/’14** **20**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta’ nhar il-Ħamis 5 ta’ Frar 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati:- (0)

1.05 Assenti:- (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Kien hemm preżenti wkoll Ms. Johanna Caruana bħala rappreżentanta minn JCA Ltd għall-accounts tal-Kunsill.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-30 ta' Jannar 2015. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Financial Statements
4. Ftehim GreenMT
5. Aġġornament tax-xogħolijiet iffinanzjati mir-Reġjun Ċentru
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
8. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 36/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Peress li l-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ser issir nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 ma kienx hemm minuti biex japprova l-Kunsill.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
| --- | --- |
| 500 | Korrispondenza mingħand il-WSC b'konnessjoni ma' x-xogħlijiet ta' Telgħet B'Kara. |
| K141,603 &K143 | Korrispondenza b'konnessjoni mal-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv. |
| 640 | Email mid-DLG rigward l-iskemi dwar skart riċiklat. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru 500**

2.02 Il-Kunsillier Anthony Grech wasal fis-2.35 p.m.

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-WCS b'konnessjoni max-xogħlijiet ta' Telgħet B'Kara.

2.04 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill bil-komunikazzjoni li saret ma' l-Inġ. Riolo tal-WSC.

2.05 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaċċettax li jħallas għas-civil works. Dan peress li kif diga ġie nfurmat l-Inġ. Riolo, l-informazzjoni li rċieva l-Kunsill, li kien hemm bżonn li jsiru dawn ix-xogħlijiet, il-Kunsill irċivieha meta x-xogħolijiet tal-bankina kienu kważi lesti. Jekk il-WSC tinsisti li jridu isiru x-xogħolijiet dawn għandhom isiru għall-ispejjeż kollha tal-WSC.

2.06 Il-Kunsillier Norman Vella wasal fit-2.40p.m.

**Rif. Nru. K141, 630 & K143**

2.07 Ġiet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza b'konnessjoni mal-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

2.08 Ġie deċiż unanimament li jekk, fi żmien 15 il-ġurnata, il-Perit tal-Kunsill Stephen Farrugia (MP&DC) ma jagħmilx jew mhuwiex lest li jagħmel ir-rapport dwar jekk il-bini huwiex ta' periklu jew le, il-Kunsill iqabbad perit ieħor biex jagħmel ir-rapport.

2.09 Saret sospenzjoni tar-regolarmenti biex jiġu diskussi item 4 u 5 ta' l-Aġenda qabel item 3.

2.10 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4. Ftehim Green MT**

4.01 Il-Kunsill iddiskuta l-korrispondenza Inc. No. 549/15 u 603/15 u 640/15 (Ara Appendiċi 'A', 'B' u 'C').

4.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jestendi l-kuntratt preżenti tal-Green MT sakemm jiġi elett il-Kunsill il-ġdid u jkun f'pożizzjoni li jiltaqa' miegħu. Fl-istess waqt il-Kunsill jitlob lill-Green MT kif ser jirregolarizza s-sitwazzjoni biex jitħallsu l-ammonti kollha dovuti lill-Kunsill.

**5 Aġġornament tax-xogħolijiet iffinanzjati mir-Reġjun Ċentru**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-aġġornament tax-xogħlijiet iffinanzjati mir-Reġjun Ċentru (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fit-3.10p.m.

**3. Financial Statements**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014 (Ara Appendiċi 'E').

3.02 Ir-rappreżentanta tal-JCA Ltd., Ms Johanna Caruana tat spjegazzjoni dettaljata ta' dawn il-Financial Statements.

3.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

3.04 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Ms. Caruana ġiet skużata fit-3.35 p.m.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

6.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets Nru. 3683 (Ara Appendiċi 'G').

7.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheet Nru. 3683.

7.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Aġġornament tal-laqgħa**

8.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2015 fis-2.30 p.m.

8.02 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**9. Materji Oħra**

9.01 Saret riferenza għall-Minuti 36/K7/15 taqsima 4 paragrafi 4.05 - 4.06 u għal-laqgħa li s-Sindku kellu mar-rappreżentanti tal-Baned b'konnessjoni ma' l-attivita' tal-Karnival. Il-Kunsill ma aċċettax it-talba li saret ta' €1350.00 mir-rappreżentanti tal-Baned. Iżda ġie deċiż unanimament li jekk il-Baned jaċċettaw li ssir banda waħda ta' 30 persuna, il-Kunsill lest li juża s-servizz tagħhom waqt l-attivita' tal-Karnival għall-ammont totali ta' €900.

9.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa ma' Leon promotions rigwad il-Festa ta' Lapsi ser issir fis-19 ta' Frar 2015 fl-10.00 a.m.

9.03 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi biex jintervjeni minħabba li fi Triq Lapsi ma jistax isir ir-resurfacing tagħha min-naħa tal-Kunsill. Dan minħabba li jidher li hemm diżgwit bejn id- dipartimenti tas-servizzi. It-triq hija ta' periklu għal-kull min jagħmel użu minnha, filwaqt li fil-viċinanza hemm żewġ ambaxxati.

9.04 Il-laqgħa ntemmet fit-3.50 p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**